**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 342/2021 RM**

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**

**-Vs-**

**Francesco Orifici**

**Illum, 10 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn GasanMamo Insurance Limited fir-Reġistru tal-Qorti fis-7 ta' Diċembru 2021 fejn talbet illi l-konvenut, Francesco Orifici, jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' tnax-il elf u hames mija (€12,500.00) lil kumpanija rikorrenti u dana in linea ta' danni resultanti minn incident tat-traffiku li gara fit-12 ta' Novembru 2020 waqt li inti kont qed isuq il-vettura tal-ghamla Renault nru. ta' registrazjoni CSH 003 b'mod negligenti, traskurat, imprudenti u b'ksur tar-Regolamenti tat-traffiku u anki dawk tal-Polza ta' Assikurazzjoni rilaxxata mill-kumpanija rikorrenti assikuratrici li kienet in vigore fuq din l-istess vettura, u dana kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trazzjoni tal-kaz.

Bl-ispejjez marbut ma' dawn il-proceduri, u wkoll l-ispejjez ta' Ittra Ufficjali tal-5 ta' Lulju 2021 u ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 2596/2021 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentat ta' dan l-Avviz.

Rat illi l-konvenut minkejja li ġie debitament notifikat bir-Rikors u bl-avviż tal-appuntament tal-kawża għas-smigħ, baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher quddiem il-Qorti biex iressaq xi provi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha prodotti mis-soċjeta' attriċi;

Semgħet lill-abbli avukat tas-soċjeta' attriċi jiddikjara fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2022 illi l-istess soċjeta' attriċi ma kellhiex iktar provi xi tressaq;

Rat id-digriet mogħti fid-29 ta' Novembru 2022 wara rikors li ġie ppreżentat mill-konvenut Francesco Orifici fl-1 ta' Lulju 2022 fejn laqgħet it-talba fir-rikors limitatament biex awtorizzat lill-konvenut jippreżenta Risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi purche':

1. *Din ir-Risposta għandha tiġi ppreżentata sa mhux iktar tard minn ħamest ijiem mil-lum, terminu li huwa perentorju u m'hux ser jiġi estiż taħt ebda ċirkostanza u għandha tiġi notifikata lis-soċjeta' attriċi jew lill-avukat tagħha;*
2. *Is-soċjeta' attriċi sejra fiċ-ċirkostanzi tingħata seduta waħda fejn għandha, wara li tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet sollevati fir-Risposta tal-konvenut, tressaq kull prova oħra li jidhrilha meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, jekk ikun il-każ, u dan fis-seduta li jmiss wara l-preżentata tar-Risposta; u*
3. *In segwitu għal dan, il-konvenut għandu jressaq il-provi kollha tiegħu f'seduta waħda oħra li tiġi ffissata speċifikatament għal dan l-iskop.*

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenut in ottemperanza tad-digriet appena msemmi, fil-5 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha ġie eċċepit:-

"*1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, kif se jirrizulta mill-provi;*

*2. Illi ma jissussistux l-elementi fattwali u legali rikjesti legalment jew kuntrattwalment sabiex is-socjeta' assiguratrici attrici titlob id-danni de quo.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri"*

Semgħet ix-xhieda u l-provi kollha prodotti mis-soċjeta' attriċi in segwitu għad-digriet tad-29 ta' Novembru 2022;

Rat id-digriet mogħti waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2023 fejn ġie dikjarat magħluq l-istadju tas-smigħ tal-provi tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet lill-abbli avukat tal-konvenut jiddikjara fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023 illi l-konvenut ma kellux provi xi jressaq fil-kawża;

Semgħet ukoll lill-abbli avukati tal-partijiet jiddikjaraw fl-istess seduta tat-12 ta' Ġunju 2023 illi jaqblu li l-kawza tista' titħalla għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Rat l-atti kollha ;

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta` attrici qiegħda titlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas somma determinata ta' flus in línea ta' rimbors tal-ammont li hija tgħid li ġiet kostretta tħallas lill-assigurat tagħha in linea ta' danni riżultanti minn inċident awtomobilistiku li seħħ fit-12 ta' Novembru 2020 ġewwa Tas-Sliema u dan biex tissodisfa l-obbligi

kuntrattwali tagħha taħt il-polza tal-assigurazzjoni bhala assiguratriċi tal-vettura CSH-003 li kienet misjuqa mill-konvenut meta seħħ l-imsemmi inċident.

Illi l-fatti li joħorġu minn eżami tal-provi u tal-atti proċesswali, huma dawn:-

- Illi s-soċjeta` attriċi ħarġet polza ta' assigurazzjoni fuq bazi *comprehensive* fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CSH-003[1] proprjeta` ta' Geoffrey Debono f'isem Car Sharing Services Malta Limited[2], il-policy holder, b'perijodu ta' validita` mill-1 ta' April 2020 sal-31 ta' Marzu 2021;

- Illi fit-12 ta' Novembru 2020, ċioe` matul il-perijodu ta' validita' tal-polza ta' assigurazzjoni maħruga mis-socjeta` attrici, meta l-vettura CSH-003 kienet qed tinstaq mill-konvenut Francesco Orifici, din kienet involuta f'inċident stradali mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KLY-159 misjuqa minn Kalid Mahmud Ali ġewwa Triq it-Torri, Sliema;

- L-uffiċjali tal-Pulizija li investigaw l-inċident stradali xehdu illi huma kienu xammew riħa qawwija ta' alkolhol fuq il-persuna ta' Francesco Orifici, ix-xufier tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CSH-003 iżda huwa kien irrifjuta li jissottometti ruħu għat-test tal-breathalyser u kien irrifjuta wkoll li jmur l-Isptar bl-ambulanza li kienet issejħet dak il-ħin fuq il-post tal-inċident.

- Mid-dokument esebiti fl-atti proċesswali, senjatament mill-kopja awtentikata tal-file mediku tal-Isptar Mater Dei dwar Francesco Orifici, jirriżulta illi meta ġie eżaminat fid-Dipartiment tal-Emerġenza fit-12 ta' Novembru 2020 għall-ħabta tat-3.27 a.m. mit-tabiba Dr. Justine DeGray, il-konvenut inxtamm b'riħa qawwija ta' alkoħol. Fin-noti mediċi li ttieħdu fid-Dipartiment tal-Emerġenza, jinsab imniżżel hekk: "*Pt denies use of alcohol and drugs. However, smells heavily of alcohol.*"[3] Mill-istess file

[1] Ara Dok. AB2 "Certificate of Motor Insurance".
[2] Ara Dok. AB2 u Dok. AB3 ("The Policy Holder")
[3] Dok. DC1, esebit fl-14 ta' Marzu 2022.

mediku jirriżulta wkoll li dakinhar stess, 12 ta' Novembru 2020 fit-3:11h, ftit iktar minn siegħa u nofs wara l-kolliżżjoni, ittieħdu kampjuni tad-demm mill-istess konvenut li minn analiżi tagħhom jirrizulta li l-proporzjoni ta' ethanol (alkoħol) f'demmu kienet 52mg/dL, jew fi kliem ieħor 52 milligramm f'100 millilitru ta' demm, li teċċedi l-limitu preskritt mil-liġi[4].

- Il-valur fuq is-suq tal-vettura CSH-003 qabel l-inċident (*pre-accident value*) kif ġie stmat mis-surveyor Malcom Bonnici kien ta' €15,500 filwaqt illi l-ħsarat li ġarrbet din il-vettura b'riżultat tal-inċidenti stradali li kienet involuta fih, kienu jlaħħqu s-somma ta' €27,431.58[5]. Il-valur tal-vettura fl-istat li fih spiċċat b'riżultat tal-inċident kien ta' €3,000[6].

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi dehrilha li l-konvenut, bħala x-xufier tal-vettura CSH-003 fil-ħin tal-inċident awtomobilistiku, saq il-vettura bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni peress li kien taħt l-influwenza tal-alkoħol, u qiegħda titlob li jiġi kkundannat iroddilha lura l-ammont ta' €12,500 li hija ħallset taħt il-polza lill-assigurat tagħha, madanakollu, huwa baqa' inadempjenti. Tibbaża t-talba tagħha għall-ħlas tas-somma reklamata f'din il-kawza, fuq klawsola partikolari tal-polza maħruġa minnha f'isem l-assigurat tagħha Geoffrey Debono f'isem Car Sharing Services Limited, b'kopertura assigurattiva għall-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CSH-003.

Andre Bondin, ir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, xehed illi peress li l-vettura CSH-003 kienet assigurata taħt *self-drive policy* u mhux *private policy*, is-soċjeta' attriċi

[4] Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15I(1)(a)(i) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni fl-2020, jipprovdu li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' persuna li jsuq vettura li mhux vettura kummerjċali coach jew karozza tal-linja jew persuna li ssuq bl-liċenza bi prova, ikun iżjed mil-limitu preskritt meta l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm tiegħu jeċċedi 50 milligramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' demm (Artikolu 5 tal-Att XIV tal-2017 li emenda l-Artikolu 15I tal-Ordinanza tat-Traffiku.)

[5] Ara xhieda ta' Malcolm Bonnici, surveyor ma' GasanMamo Insurance, 31 ta' Jannar 2023 kif ukoll survey report Dok. AB6.

[6] Ara xhieda ta' Malcolm Bonnici, 31 ta' Jannar 2023.

kellha tindennizza lill-assigurat tagħha, il-kumpannija Car Sharing Services Malta Limited għaliex il-vettura assigurata kienet mikrija lill-konvenut Francesco Orifici li kien qed isuq il-vettura meta seħħ l-inċident stradali, u l-assigurat ma kienx jaf li x-xufier kien qed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol.

Is-soċjeta' attriċi ssostni illi hi fil-fatt ħallset lill-assigurat tagħha s-somma ta' €12,500, ammont rappreżentanti d-danni li soffriet il-vettura assigurata bħala riżultat tal-inċident awtomobilistiku li fih kienet involuta u dan biex tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha ta' kopertura assigurattiva taħt il-polza tal-assigurazzjoni, u hija b'hekk awtorizzata bis-saħħa tal-istess polza biex tesiġi mingħand ix-xufier tal-vettura, ċioe' l-konvenut odjern, ir-rimbors tal-ammont imħallas lill-assigurat.

Il-Qorti trid tgħaddi biex twieżen il-prova li l-konvenut kien qed isuq il-vettura assigurata taħt l-influwenza tax-xorb alkoħoliku, (i) fl-isfond tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni dwar l-istess vettura biex tistabbilixxi jekk jikkonkorru l-ħtiġiet kuntrattwali għall-adempiment ta' xi obbligu da parti tas-soċjeta' attriċi u xi jedd korrispondenti, kif ukoll (ii) fl-isfond ta' provi oħrajn biex tiddeċiedi jekk it-talba tas-soċjeta' attriċi fil-konfront tal-konvenut odjern għall-ħlas ta' somma rappreżentanti d-danni subiti mill-assigurat tagħha b'riżultat tal-inċident awtomobilistiku, hijiex fondata u mistħoqqa.

Madanakollu, wara li fliet l-atti proċesswali, il-Qorti ma riskontrat ebda dokument apparti l-Motor Insurance Policy u l-Iskeda annessa magħha[7] u Claim Form[8], li fih jinsabu stipolati t-termini u kundizzjonijiet li jirregolaw il-polza tal-assigurazzjoni, fosthom l-obbligu għall-indennizz tal-assigurat fl-eventwalita' li kellu javvera ruħu xi wieħed mir-riskji assigurati, il-kundizzjonijiet ta' xi jedd ta' rivalsa kontra x-xufier tal-vettura fl-eventwalita' li tavvera ruħha xi waħda miċ-ċirkostanzi li jeskludu l-obbligu ta' kopertura assigurattiva u ċ-ċirkostanzi li joperaw biex jattivaw jew jeskludu dawn l-obbligi kuntrattwali.  Speċifikatament, ma ġie identifikat fl-atti u fil-

---

[7] Dok. AB2.
[8] Dok. AB3.

provi proċesswali ebda prova tat-termini kuntrattwali tal-polza li xehed superfiċjalment dwarhom Andre Bondin b'rabta mal-obbligu tal-indennizz tal-assigurat u d-dritt korrispondenti ta' rivalsa kontra x-xufier tal-vettura assigurata f'każ li jinstab li kien qed isuqha taħt l-influwenza tal-alkoħol.

Il-Qorti tqis illi din il-prova dokumentarja kienet meħtieġa b'mod assolut għas-suċċess tal-azzjoni esperita mis-soċjeta' attriċi liema azzjoni hi wara kollox, radikata intrinsikalment fuq patt konvenzjonali partikolari li suppost ġie negozjat u maqbul bejn l-assigurat u l-assiguratur bħala parti mill-polza tal-assigurazzjoni. In mankanza tal-prova tal-klawsoli kuntrattwali li qed jiġu invokati speċifikatament mis-soċjeta' attriċi in sostenn tat-talba tagħha fir-Rikors promotur, il-Qorti m'hijiex f'pożizzjoni li tagħmel l-istħarriġ bażiku mistenni minnha billi teżamina u tevalwa l-jeddijiet u obbligi rispettivi tal-assiguratur u l-assigurat, preordinatament għad-deċiżjoni jekk dawn humiex idonei biex jilleġitimaw l-indennizz lill-assigurat u t-talba għar-rifuzjoni mingħand il-konvenut tal-ammont hekk imħallas. *Multo magis* meta l-konvenut eċċepixxa fit-tieni paragrafu tar-Risposta illi "*ma jissussistux l-elementi fattwali u legali rikjesti legalment jew kuntrattwalment sabiex is-soċjeta' assiguratriċi attriċi titlob id-danni de quo.*" Rinfaċċjata b'eċċezzjoni bħal din, li hi maħsuba biex tinnega l-jedd kontrattwali jew ta' xort'oħra tas-soċjeta' attriċi li taġixxi b'rivalsa kontra l-konvenut, is-soċjeta' attriċi ma setgħetx ma tressaqx din il-prova bażika u indispensabbli u fl-istess waqt tistenna eżitu favorevoli għall-azzjoni intentata minnha, għaliex hija nieqsa sewwasew il-prova fondamentali tal-jedd invokat bħala l-bażi tal-azzjoni, jedd li kif rajna hu kontestat mill-konvenut. Fuq kollox, din hija prova li s-soċjeta' attriċi żgur ma kienetx impedita milli tipproduċi iżda baqgħet inadempjenti minkejja l-fatt illi l-Qorti ikkonċeditilha opportunita' addizzjonali biex tressaq kull prova oħra li dehrilha li kien meħtieġ fid-dawl tal-kontestazzjoni tat-talba mill-konvenut wara li kienet iddikjarat li ma kellhiex iktar provi[9].

Magħdud dan il-fatt illi jekk skont Andre Bondin, il-klawsola kuntrattwali partikolari fil-polza li fuqha qed isserraħ l-azzjoni tagħha s-soċjeta' attriċi kienet tispeċifika li

[9] Digriet tad-29 ta' Novembru 2022.

hija kienet obbligata tindennizza lill-assigurat tagħha sewwasew jekk juri li huwa ma kienx jaf li x-xufier tal-vettura kien taħt l-influwenza tal-alkoħol, il-Qorti tistenna li kellha titressaq ukoll il-prova li effettivament, l-assigurat kien fil-fatt kera l-vettura lill-konvenut u li ma kienx jaf iċ-ċirkostanzi li fihom kien qed isuq il-vettura, ġaladarba dawn iċ-ċirkostanzi kienu determinanti biex jiskattaw l-obbligi u d-drittijiet rispettivi taħt il-polza tal-assigurazzjoni, fosthom l-obbligu għall-indennizz u d-dritt ta' rivalsa kontra x-xufier tal-vettura.  Madankollu, l-assigurat Geoffrey Debono ma xehedx quddiem il-Qorti in sostenn tal-asserzjoni li dawn il-kundizzjonijiet tal-polza li jiskattaw l-obbligu tal-indennizz fiċ-ċirkostanzi, kienu sodisfatti.  Magħdud dan il-fatt illi ma nġabitx prova tal-pagament lill-assigurat fis-somma ta' €12,500 u s-surroga relattiva: prova li wkoll kienet meħtieġa biex tirradika l-jedd ta' azzjoni ta' rivalsa fil-konfront tal-konvenut odjern.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi fir-Rikors promotur.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li tiċħad it-talba ta' GasanMamo Insurance Limited fir-Rikors tagħha tas-7 ta' Diċembru 2021, bl-ispejjeż.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**